L-ARĊIDJOĊESI
TA' MALTA

# DIRETTIVI RIGWARD IT-TRIDU TAL-GĦID 2021

## 1. INTRODUZZJONI

1.1 L-Isqfijiet qed joħorġu dawn id-direttivi dwar it-Tridu tal-Għid 2021.

## 2. APPLIKABBILTÀ

2.1 Dawn il-miżuri jidħlu fis-seħħ fit-Tridu tal-Għid 2021, jiġifieri f'Ħamis ix-Xirka, il-Ġimgħa l-Kbira u Sibt il-Għid 2021.

2.2 Kull direttiva oħra maħruġa tibqa' fis-seħħ f'dan il-perjodu sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dawn id-direttivi.

## 3. DEFINIZJONIJIET

3.1 "Pubbliku" tirreferi għan-nies li ma jkunux qed jagħtu servizz waqt iċ-ċelebrazzjoni msemmija.

3.2 "Tridu tal-Għid" jirreferi għaċ-ċelebrazzjoni tat-Tifkira tal-Ikla tal-Mulej f'Ħamis ix-Xirka, l-Azzjoni Liturġika tal-Passjoni tal-Mulej u l-Vġili tal-Għid.

## 4. NOTI ĠENERALI

4.1 M'għandha ssir ebda attività miftuħa għall-pubbliku, inkluż attivitajiet reliġjużi, għajr dak stipulat f'punt 4.5.

4.2 It-Tridu tal-Għid jista' jiġi ċċelebrat biss fil-postijiet ta' qima fejn is-soltu jkun iċċelebrat. Dan għandu jkun iċċelebrat mingħajr il-preżenza tal-pubbliku.

4.3 Mhux permess li t-Tridu tal-Għid jiġi ċċelebrat fid-djar u lanqas ma tista' ssir quddiesa minflok l-Azzjoni Liturġika fil-Passjoni tal-Mulej jew minflok il-Vġili Solenni tal-Għid. Min ma jeħux sehem fiċ-ċelebrazzjoni tat-Tridu tal-Għid għandu jitlob il-Liturġija tas-Sigħat.

4.4 M'għandhom isiru ebda purċissjonijiet la barra u lanqas fil-knisja, għajr dawk mitluba mill-liturġija tal-ġurnata (eż. purċissjoni bis-Sagrament f'Ħamis ix-Xirka). Dawn il-purċissjonijiet għandhom isiru bl-inqas nies possibbli.

4.5 F'każ ta' mewt fejn id-difna ma tistax tistenna sa wara t-Tridu tal-Għid, għandu jsir biss id-dfin u t-talb marbut miegħu. Il-quddiesa funebri ssir wara t-Tridu tal-Għid. Jekk issir matul l-Ottava, għandha ssir il-quddiesa tal-ġurnata bil-qari tagħha u jintuża l-kulur abjad.

Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

Indirizz Postali
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

Tel. +356 2124 5350
Email. info@maltadiocese.org
www.knisja.mt

## 5. ARMAR TAL-KNISJA

5.1 Fil-knejjes jistgħu jintramaw biss ix-xbihat qaddisa tar-Redentur, il-Vara l-Kbira (jew Kurċifiss) u tad-Duluri. Għall-Għid il-Kbir, fejn hemm id-drawwa, jista' jintrama l-Irxoxt. Dawn għandhom jinħarġu u jidħlu lura f'posthom b'mod privat u b'mod li jinvolvi l-inqas nies possibbli. M'għandhomx isiru purċissjonijiet bihom, la barra u lanqas ġewwa fil-knisja.

5.2 Fil-postijiet fejn hu normali li numru ta' nies jinġabru biex jesprimu d-devozzjoni tagħhom, mal-art għandu jiġi mmarkat post fejn jistgħu jieqfu biex, filwaqt li jesprimu d-devozzjoni tagħhom, ikunu qed josservaw id-distanza ta' sigurtà. Dawn ix-xbihat u l-post fejn huma merfugħin m'għandhomx jintmissu min-nies, u lanqas mhu permess li jitbiesu. Dan għandu jkun indikat b'mod ċar permezz ta' tabelli.

5.3 L-ebda xbieha ta' qima m'għandha titqiegħed fil-bieb tal-knisja.

5.4 Għanda tingħata attenzjoni biex l-armar li jintuża, inkluż jekk isir artal tar-repożizzjoni, ma jinvolvix ħafna nies f'daqqa.

5.5 F'dan iż-żmien m'għandhomx isiru wirjiet organizzati mill-Knisja (jew gruppi tagħha) jew f'post amministrat mill-Knisja jew entitajiet tagħha.

## 6. FTUĦ TAL-KNEJJES

6.1 F'Ħamis ix-Xirka filgħaxija u fil-Ġimgħa l-Kbira filgħodu, il-knejjes jistgħu jinfetħu għall-pubbliku. Għandu jkun hemm **biss** talb privat. M'għandux ikun hemm Ġesù espost la fil-knejjes u lanqas fil-kappelli tal-adorazzjoni. Il-kappelli tal-adorazzjoni għandhom jinżammu magħluqa.

6.2 Nhar Ħamis ix-Xirka filgħodu u Sibt il-Għid, konformi man-normi liturġici, fil-knejjes m'għandux ikun hemm is-Sagrament.

6.3 Fil-ħin li l-knisja tkun miftuħa għall-pubbliku m'għandux ikun hemm talb komunitarju organizzat għal dawk preżenti.

6.4 Fil-knisja jew fuq iz-zuntier m'għandux ikun hemm bejgħ ta' affarijiet, la waqt li tkun miftuħa il-knisja u lanqas waqt li tkun magħluqa.

6.5 Minħabba li jista' jkun hemm numru ta' nies li jkunu dieħla u ħierġa mill-knisja fl-istess ħin, għandu jkun hemm bieb assenjat għad-dħul u ieħor għall-ħruġ.

6.6 Il-poplu li jżur il-knisja għandu jibqa' f'postu u ma jkunx hemm ċaqliq bla bżonn.

6.7 Waqt il-ħin kollu li l-knisja tkun miftuħa, mal-bieb irid ikun hemm usher li jara li:

a) kull min jidħol ma jkollux temperatura ta' 37.2°C jew ogħla,

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 5350
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

b) kull min jidħol japplika sanitiser ma' jdejh;
c) ma jinqabiżx l-ammont massimu ta' nies permessibbli fil-knisja;
d) fil-knisja jkun hemm ordni u n-nies joqogħdu fil-postijiet assenjati biex jitħarsu l-miżuri.

6.8 Il-knejjes għandhom ikunu magħluqa waqt iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi kollha, anki jekk ikunu qed isiru fil-privat, jew waqt li tkun qed issir xi attività oħra biex tittella' fuq il-mezzi soċjali jew biex tkun rekordjata.

## 7. QRAR U TQARBIN

7.1 Minn Ħamis ix-Xirka, wara t-Tifkira tal-Ikla tal-Mulej, sal-Vġili tal-Għid, m'għandux isir tqarbin fil-knisja għall-pubbliku u lanqas fid-djar, ħlief f'każijiet ta' vjatku.

7.2 Is-sagrament tal-qrar jista' jibqa' jiġi amministrat kemm-il darba jinżammu l-miżuri stabiliti.

## 8. LITURĠIJA

8.1 Kull ċelebrazzjoni liturġika għandha ssir bil-qima kollha iżda mhux b'tul żejjed.

8.2 Kull lettur għandu jkollu għalih kopja tal-qari (eż. print out / il-Kelma Kuljum,) biex ma jintużax l-istess ktieb. Kemm hu possibbli m'għandux jintuża l-istess mikrofonu. Jekk jintuża l-istess mikrofonu, jitneħħa l-foam ta' mal-mikrofonu u jitħalla bil-metall mikxuf biex ikun eħfef biex dan jitnaddaf wara li jintuża. Jista' jintuża wkoll leġġju ieħor biex il-lettur u s-saċerdot ma jagħmlux użu mill-istess wieħed. Il-lettur għandu japplika sanitiser qabel jitla' u wara li jinżel mill-ambone/presbiterju.

8.3 Il-liturġija għandha tkun animata b'mużika xierqa u li tgħin lil dawk li qed jipparteċipaw fiha online, biex jidħlu fi spirtu ta' talb. Madankollu, minħabba r-riskju għas-saħħa, l-animazzjoni mużikali għandha ssir bl-inqas nies possibbli waqt li jkunu rispettati wkoll il-miżuri maħruġa mill-Awtoritajiet tas-Saħħa.

8.4 Mhuwiex permess l-użu ta' strumenti mużikali tan-nifs.

8.5 F'każ li l-kantanti u l-mużiċisti ma jkunux mill-istess cluster, u f'daqqa jammontaw għal aktar minn tlieta, dawn għandhom ikunu libsin maskra il-ħin kollu inkluż waqt li jkantaw jew idoqqu.

8.6 Din is-sena m'għandhomx jintużaw il-baldakkin jew l-umbrellun, standardi u affarijiet oħra li mhux essenzjali, biex hekk jonqos l-ammont ta' nies meħtieġa għaċ-ċelebrazzjonijiet.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 5350
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

## 9. LIVE STREAMING FUQ IL-MEŻŻI SOĊJALI

9.1 Filwaqt li tkun ħaġa sabiħa li l-membri kollha tad-djoċesi jingħaqdu biex isegwu ċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi ta' Mons. Arċisqof, ir-Ragħaj Spiritwali tagħhom, hu fatt li pastoralment, xi membri tal-komunità jħossuhom spiritwalment aktar miġbura jekk jingħaqdu fil-liturġija mxandra mill-maqdes li huma marbutin miegħu u mdorrija jitolbu fih, b'mod speċjali jekk f'xi mumenti f'dan it-Tridu tal-Għid se jżuru lil Ġesù fih.

9.2 Minħabba d-dinjità li jixirqilha il-liturġija, iċ-ċelebrazzjonijiet għandhom jiġu mxandra biss jekk il-kwalità tal-live streaming hi waħda sodisfaċenti u kemm jista' jkun professjonali. Dan ifisser li:

a) għandu jkun hemm konnessjoni tal-internet tajba u kostanti,
b) il-live streaming m'għandux ikun il-ħin kollu ffukat fuq wiċċ is-saċerdot imma għandu jġib b'mod ċar il-postijiet kollha fejn tkun qed isseħħ l-azzjoni liturġika (mhux bilfors f'daqqa), u
c) il-kwalità tas-sound tkun waħda ċara u għalhekk preferibilment tkun imqabbda direttament mas-sistema tal-amplifikazzjoni tal-awdjo tal-knisja.

9.3 Live streaming għandu jixxandar biss fuq mezzi assoċjati mal-parroċċa, knisja u/jew entità, u mhux minn profili ta' nies individwali, anqas ta' saċerdoti.

9.4 Nies individwali, inkluż kappillani u saċerdoti, jistgħu jagħmlu share tat-trasmissjoni fuq il-profili personali tagħhom.

9.5 Live steaming mid-djar mhux permess. Infakkru li lituġikament, it-Tridu tal-Għid m'għandux isir fid-djar (ara punti 4.2 u 4.3).

## 10. ĦAMIS IX-XIRKA

10.1 Fiċ-ċelebrazzjoni tat-Tifkira tal-Ikla tal-Mulej għandu jitħalla barra r-rit tal-ħasil tar-riġlejn.

10.2 It-traslazzjoni tas-Sagrament għandha ssir bl-anqas nies possibbli. Fiha m'għandux jintuża baldakkin jew umbrellun, standardi u affarijiet oħra li mhumiex essenzjali.

10.3 Jekk il-knisja tkun se tiftaħ f'Ħamis ix-Xirka filgħaxija u/jew fil-Ġimgħa l-Kbira filgħodu, l-Artal tar-Repożizzjoni għandu jintrama f'post li jista' jkun viżibbli mill-akbar ammont ta' nies possibbli.

10.4 F'każ ta' ħtieġa pastorali, jekk ma jkunx hemm Artal tar-Repożizzjoni, is-Santissmu Sagrament jista' jitqiegħed fit-tabernaklu. F'dan il-każ is-Sagrament għandu jitneħħa nhar il-Ġimgħa l-Kbira f'nofsinhar. Għal aktar informazzjoni ara *Sussidju għaċ-Ċelebrazzjonijiet Liturġiċi fil-Ġimgħa Mqaddsa u t-Tridu tal-Għid.*

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 5350
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

10.5 Il-knisja m'għandiex titħalla miftuħa il-lejl kollu.

## 11. IL-ĠIMGĦA L-KBIRA

11.1 Nhar il-Ġimgħa l-Kbira, il-knisja tista' tinfetaħ biss filgħodu u tingħalaq f'nofsinhar.

11.2 Fiċ-ċelebrazzjoni, li tkun qed issir fil-knisja magħluqa, m'għandux isir il-bews tas-Salib għajr miċ-ċelebrant prinċipali. Meta jkun qed isir live streaming, għandu jitħalla ftit ħin ta' skiet u n-nies jiġu mistiedna jagħmlu att ta' adorazzjoni mid-djar.

11.3 Fit-trasport tas-Sagrament m'għandux jintuża l-baldakkin jew l-umbrellun.

## 12. IL-VĠILI TAL-GĦID

12.1 Fiċ-ċelebrazzjoni tal-Vġili tal-Għid, il-qari jista' jsir fil-forma qasira kif spjegat f'Sussidju għaċ-Ċelebrazzjonijiet Liturġiċi fil-Ġimgħa Mqaddsa u t-Tridu tal-Għid.

12.2 Bla preġudizzju għal punt 7.1 tad-direttivi rigward miżuri ta' prevenzjoni ta' tixrid tal-imxija tal-COVID-19 mill-11 ta' Marzu sal-11 ta' April 2021, minħabba li l-magħmudija hi parti integrali mir-rit tal-Vġili, f'din iċ-ċelebrazzjoni tista' ssir magħmudija. Biex ma jkunx hemm numru ta' nies miġbura, għandu jkun hemm magħmudija ta' tarbija waħda biss. Għal din il-magħmudija għandu jkun hemm biss it-tarbija, il-ġenituri tat-tarbija u l-parrini.

12.3 Iċ-ċelebrazzjoni tal-magħmudija ssir skont id-direttivi maħruġa għall-amministrazzjoni ta' dan is-sagrament, jiġifieri m'għandhiex issir magħmudija b'immersjoni u l-ilma li jintuża m'għandux jerġa' jintuża. Iż-żejt għandu jiġi applikat b'tajjara.

12.4 Jekk waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Vġili tal-Għid isir it-tberik tal-ilma, mal-ilma li jitbierek permezz tal-blandun waqt il-liturġija tal-magħmudija jista' jitbierek ukoll ilma fi fliexken żgħar li jitqassmu wara lil kull min jixtieq.

22/03/2021

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 5350
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**